

Reviżjoni tat-Trattati meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proposti tal-Konferenza, jgħid il-Parlament

- Il-MPE jilqgħu l-eżitu ambizzjuż u kostruttiv tal-Plenarja tal-Konferenza
- Il-Parlament għandu jhejj i proposti speċifiċi biex jibda r-reviżjoni tat-testi fundaturi tal-UE
- Aktar integrazzjoni f'oqsma bħall-enerġija, id-difiża, l-istituzzjonijiet tal-UE, it-tkabbi inklużiv u reżiljenti
- Id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva għall-Parlament u t-tmiem tal-unanimità fil-Kunsill huma meħtieġa
- Il-MPE lesti li jagħmlu l-parti tagħhom biex jiżguraw li l-aspettattivi taċ-ċittadini jintlaħqu

Il-MPE jappoġġaw il-proposti ambizzjużi magħmula miċ-ċittadini tal-Plenarja tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex l-UE tiġi riformata b'mod profond.

Nhar l-Erbgħa, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar is-segwit u għall-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, b'turija tal-idejn.

Il-Parlament jirrikonoxxi li l-“proposti ambizzju u kostruttivi” li ħarġu mill-Konferenza jeħtieġu bidliet fit-Trattati, pereżempju fir-rigward ta’ UE aktar sempliċi, aktar trasparenti, aktar responsabbli u aktar demokratika. Għal dan il-għan, il-PE jitlob lill-Kumitat għall-Affarijet Kostituzzjonali biex iħejji proposti għar-riforma tat-Trattati tal-UE, li jistgħu jseħħu permezz ta’ Konvenzjoni f’konformità mal-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’dan il-proċess, l-UE għandha timxi lejn mudell ta’ tkabbir sostenibbli, inklużiv u reżiljenti, b’attenzjoni speċjali mogħtija lill-SMEs, jgħidu l-MPE, li jitkolha li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġi implementat bis-sħiħ. Huma jappellaw ukoll li l-UE jkollha rwol ewljeni fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà fil-livell dinji. Il-MPE jenfasizzaw ukoll li integrazzjoni politika aktar profonda u demokrazija ġenwina jistgħu jinkisbu permezz ta’ dritt ta’ inizjattiva leġiżlattiva għall-Parlament u billi tintemm l-unanimità fil-Kunsill.

Eżerċizzju mingħajr preċedent fid-demokrazija parteċipattiva

Matul id-dibattitu tat-Tlieta, il-maġġoranza l-kbira tal-MPE enfasizzaw li l-aspettattivi, il-prioritajiet u t-tħassib taċ-ċittadini nstemgħu b'mod qawwi u ċar f'dan l-eżerċizzju mingħajr preċedent fid-demokrazija parteċipattiva u li r-riżultat jeħtieġ li jiġi rrispettat.

Ħafna enfasizzaw li ċ-ċittadini jeħtieġ li jkunu involuti aktar flimkien ma' rappreżentanza demokratika aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE. Oħrajn indikaw oqsma speċifiċi fejn il-proposti mmexxija miċ-ċittadini jitkolu bidliet profondi, inklużi **elezzjonijiet verament Ewropej** kif ukoll setgħat ġodda tal-UE f'oqsma bħas-saħħha, l-enerġija, il-migrazzjoni u d-difiża. Xi kelliema kkritikaw il-Konferenza, u argumentaw li l-proċess kien difettuż u li l-proposti ma jirriflettux l-opinjoni pubblika.

Il-passi li jmiss

F'Jum l-Ewropa (9 ta' Mejju), it-tliet Kopresidenti tal-**Bord Eżekuttiv** se jippreżentaw ir-rapport finali tal-Konferenza lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet tal-UE f'**ċeremonja tal-għeluq fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu**.

Tagħrif ta' sfond

Il-Plenarja tal-Konferenza adottat id-49 proposta tagħha fit-30 ta' April 2022. Dawn jinkludu aktar minn 300 mżura li jirrigwardaw 9 temi u kienu bbażati fuq 178 rakkmandazzjoni mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, kontributi mill-Panels Nazzjonali u avvenimenti, ideat mill-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaq, u 43 734 kontribuzzjoni fuq 16 274 idea **rreġistrati fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi**.

Għal aktar informazzjoni

[EP Research Service - At A Glance: The Conference on the Future of Europe \(20.01.2022\)](#)

[Process of the Conference on the Future of Europe](#)

[Timeline of the Conference on the Future of Europe](#)

[Free photos, video and audio material \(Conference on the Future of Europe\)](#)

Kuntatti

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

📞 (+32) 2 28 32357 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74651 (STR)

📱 (+32) 470 96 47 35

✉ kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu

Hana RAISSI

Press officer

📞 (+32) 2 28 41587 (BXL)

📱 (+32) 484 27 87 54

✉ hana.raissi@europarl.europa.eu



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000

Sanne DE RYCK

Press Officer

📞 (+32) 2 28 42531 (BXL)

📞 (+33) 3 881 64917 (STR)

📱 (+32) 498 98 34 51

✉️ sanne.deryck@europarl.europa.eu

.....